**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 31 ta' Lulju, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**-vs-**

**Etienne Baldacchino, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 0415786M**

*Kumpilazzjoni Nru: 2566/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Etienne Baldacchino** u ċioe' talli:

1. **Fit-30 ta' April, 2023 għall-ħabta ta' 18:30hrs u/jew fil-ħinijiet ta` qabel, ġewwa l-Bini tal-Qorti, Il-Belt Valletta**, inġurja jew hedded lill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D., waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet għamlet id-dmirijiet tagħha, jew bil-ħsieb li jbeżżagħha inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha;

2. **U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi**, inġurja, hedded u/jew għamel offiża fuq il-persuna tal-Ispettur Sherona Buhagiar, persuna inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha, kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta'dak is-servizz;

3. **U aktar talli f'l-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi** kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat u ġlied;

4. **U aktar talli f'l-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi** mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra n-nies;

5. **U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkustanzi**, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Dr. Marse-Ann Farrugia LLD nhar it-30 ta` Ġunju, 2022, li bih tal-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tirrevoka is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija u depożitu liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Etienne Baldacchino u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat fejn b'digriet hawn fuq imsemmi, kien ingħata l-ħelsien mill arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi għas-sigurtà` tal-Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. u lis-Spettur Sherona Buhagiar jew biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għall-iskop ta` protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta` vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-2 ta' Mejju, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti dejjem osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għal imputazzjonijiet li nġabu fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, reati kommessi fil-konfront ta' Maġistrat u Spettur tal-Pulizija. Ittieħed konsiderazzjoni tar-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ mhux anqas tal-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 95, 338(dd), 339(1)(b) u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, tikkundannah għall-sittax il-xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tlett snin.

Inoltre` ai termini tal-imsemmi artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta ta' disa' mitt (€900) rappreżentanti parti mill-ammont tal-garanzija hekk kif indikat fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Ġunju 2022.[1]

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali qed tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għall-perjodu ta' (3) tlett snin mil-lum.

Ai termini tal-artikoli 28A(4) u 28G(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk, matul il-perjodu operattiv, jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Superviżjoni.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur tal-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima u tal-Spettur Sherona Buhagiar.

---

[1] **Dok.E** a fol.17

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex jegħleb ir-rabja w impulsività li jinħakem minnhom. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**